MALTA

# QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Illum 8 ta' Ġunju, 2017

Rikors Revoka numru 74/17LM

Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 254/2005 fl-ismijiet:

**Maria Saliba (K.I. 2855G)**

***vs.***

**Joseph Saliba (K.I. 48654G)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mis-soċjetà rikorrenti **Karizia Company Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà rikorrenti") fit-28 ta' Marzu, 2017, li jgħid kif ġej:

*Illi permezz ta' rikors intavolat fil-11 ta' Frar, 2005 Maria Saliba talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' Joseph Saliba sabiex jieqaf milli jbigħ, ineħħi, jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, xi proprjetà immobbli jew jeddijiet marbutin magħha b'mod partikolari proprjetà li tappartjeni lis-soċjetà esponenti ċioè:*

> *'il-fond urban ossija spiżerija bin-numru uffiċjali disgħa u sittin (69) magħruf bħala 'Karizia Drug Store' fi Triq Ġorġ Borġ Olivier ġja Triq il-Kbira, Mellieħa, mingħajr l-arja tagħha, bis-servitujiet attivi u passivi eżistenti, bid-dritt ta' użu tal-passaġġ u l-bitħa li jagħti għaliha sal-għoli ta' sular u li qiegħed fin-numru wieħed u sebgħin (71), Triq Ġorġ Borġ Olivier, Mellieħa';*

*Illi din it-talba saret għaliex skont Maria Saliba l-intimat Joseph Saliba kellu l-maġġoranza tal-ishma fis-soċjetà esponenti, iżda dan qatt ma kien il-każ;*

*Illi dan il-mandat qatt ma kien jissodisfa wieħed mir-rekwiżiti essenzjali għal ħruġ tiegħu, u ċioè dak kif ikontemplat taħt l-artikolu 876(1)(b) stante li Joseph Saliba qatt ma kellu l-maġġoranza tal-ishma fis-soċjetà esponenti iżda huwa Mario Debono li attwalment għandu l-maġġoranza tal-ishma f'din is-soċjetà, ċioè tnejn u disgħin fil-mija (92%) tal-ishma!;*

*Illi di più, nonostante l-fatt li l-mandat ta' inibizzjoni jolqot proprjetà ta' terzi, bħal dik tas-soċjetà esponenti, la s-soċjetà esponenti u anqas il-partjiiet l-oħra li huma proprjetarji tal-proprjetà imsemmija f'dan il-mandat qatt ma ġew notifikati b'dan il-mandat ta' inibizzjoni;*

*Illi apparti dan kollu, l-mandat ta' inbizzjoni hawn imsemmi m'għadx għandu utilità għaliex oltre l-fatt li Joseph Saliba miet fil-25 ta' Settembru, 2007, il-proċeduri ta' separazzjoni ta' bejn Maria Saliba u l-istess Joseph Saliba (li kienu qegħdin jinstemgħu quddiem din l-Onorabbli Qorti u li jġibu n-numru ta' referenza 39/2005, liema proċeduri ġew intavolati fl-istess ġurnata li ġie ppreżentat ir-rikors għal ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni hawn imsemmi) ġew ċeduti minn Maria Saliba stess fit-2 ta' Marzu, 2010;*

*Illi fid-dawl ta' dak kollu hawn fuq espost, is-soċjetà esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(i) Tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni numru 254/2005 maħruġ fl-ismijiet premessi fil-11 ta' Frar, 2005, stante li dan il-mandat mhux biss qatt ma kien jissodisfa l-ħtiġijiet kollha tal-liġi u dan a tenur tal-artikolu 836(1)(b), iżda wkoll dan l-att kawtelatorju m'għadx għandu utilità u dan a tenur tal-Artikolu 836(1)(a) u 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(ii) Tikkundanna lir-rikorrenti Maria Saliba sabiex tħallas penali a tenur tal-Artikoli 836(8)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(iii) Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-soċjetà esponenti a kawża tal-azzjoni tar-rikorrenti Maria Saliba a tenur tal-Artikolu 836(9) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Mata;*

*(iv) Tikkundanna lil Maria Saliba sabiex tħallas id-danni hekk likwidati a tenur tal-Artikolu 836(9) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*U dan taħt dawk il-provvedimenti u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż kontra Maria Saliba.*

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Marzu, 2017, fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti bi żmien għaxart (10) ijiem għar-risposta u fejn is-soċjetà rikorrenti ngħatat ukoll l-istess żmien sabiex tressaq kull prova li għandha in sostenn ta' dak li qiegħda tikkontendi, ossia li Joseph Saliba qatt ma kellu l-maġġoranza tal-ishma fis-soċjetà Karizia Company Limited (C8001) u li attwalment huwa Mario Debono li għandu l-maġġoranza tal-ishma f'din is-soċjetà.

Rat ir-Risposta tal-intimata **Maria Saliba** (minn issa 'l quddiem "l-intimata") li ġiet ippreżentata fit-2 ta' Mejju, 2017, li biha eċċepiet:

1. *Illi permezz ta' rikors intavolat nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) is-soċjeta Karizia Company Limited (C8001) għamlet referenza għall-mandat t'inibizzjoni numru 245/2005 ta' nhar il-ħdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa (2005) fl-ismijiet premessi, permezz ta' liema l-esponenti kienet ikkawtelat l-interess tagħha fir-rigward tal-fond urban, ossia spiżerija bin-numru uffiċjali disgħa u sittin (69) magħruf bħala 'Karizia Drug Store' fi Triq Ġorg Borġ Olivier ġja Triq il-Kbira, Mellieħa, mingħajr l-arja tagħha, bis-servitujiet attivi u passivi eżistenti, bid-dritt ta' użu tal-passaġġ u l-bitħa li jagħti għaliha sal-għoli ta'*

*sular u li qiegħed fin-numru wieħed u sebgħin (71), Triq Ġorg Borġ Olivier, Mellieħa, u dan fil-kuntest ta' proċeduri ta' separazzjoni personali li kien hemm bejn l-esponenti u d-defunt żewġha, Joseph Saliba;*

2. *Illi permezz tar-rikors fuq imsemmi, is-soċjetà esponenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti:*

    2.1. *Tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni numru 254/2005 maħruġ fl-ismijiet premessi fil-11 ta' Frar, 2005, stante li dan il-mandat mhux biss qatt ma kien jissodisfa il-ħtiġijiet kollha tal-liġi u dan a tenur tal-artikolu 836(1)(b), iżda ukoll dan l-att kawtelatorju m'għadx għandu utilità u dan a tenur tal-Artikolu 836(1)(a) u 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

    2.2. *Tikkundanna lir-rikorrenti Maria Saliba sabiex tħallas penali a tenur ta' l-Artikoli 836(8)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

    2.3. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-soċjeta' esponenti a kawża tal-azzjoni tar-rikorrenti Maria Saliba a tenur ta' l-Artikolu 836(9) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

    2.4. *Tikkundanna lil Maria Saliba sabiex tħallas id-danni hekk likwidati a tenur tal-Artikolu 836(9) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Illi permezz ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu tas-sena 2017, ġie ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors lill-esponenti b'għaxart (10) ijiem żmien għar-risposta. Is-soċjetà rikorrenti ngħatat ukoll l-istess żmien sabiex tressaq kull prova li għandha in sostenn ta' dak li qiegħda tikkontendi, ossia li Joseph Saliba qatt ma kellu l-maġġoranza tal-ishma fis-soċjetà Karizia Company Limited (C8001) u li attwalment huwa Mario Debono li għandu l-maġġoranza tal-ishma f'din is-soċjetà;*

4. *Illi r-rikors ġie notifikat lill-esponenti nhar il-wieħed u għoxrin (21) t'April tas-sena 2017 u għaldaqstant hija qiegħda tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilha minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tippreżenta r-risposta tagħha fit-terminu lilha prefiss;*

5. *Illi preliminarjament qiegħed jingħad li dan ir-rikors huwa irritu u null inkwantu r-rikorrenti qiegħda titlob kemm penali kif ukoll danni dwar l-istess mandat. L-esponenti tħoss illi kwalunkwe penali, fil-każ illi l-Qorti tapplikaha, tinkludi jew*

*tkopri l-element ta' danni, waqt li kwalunkwe kundanna għal danni tkopri element ta' penali;*

6. *Illi preliminarjament, bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, dawk segwenti, u dawk li jistgħu jiġu mqanqla fil-kors tal-proċeduri, qiegħda tiġi eċċepita l-irritwalità u n-nullità tar-rikors stante li s-soċjetà rikorrenti ma tistax prattikament tnax (12) il-sena wara l-intavolar tal-mandat ta' inibizzjoni tqajjem eċċezzjoni ta' nullità fir-rigward tal-mandat inkwistjoni;*

7. *Illi preliminarjament, bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, dawk segwenti, u dawk li jistgħu jiġu mqanqla fil-kors tal-proċeduri, hu obbligu tar-rikorrenti li tressaq provi tajbin, suffiċjenti u rilevanti in sostenn tal-allegazzjonijiet minnha mressqa. In forza ta' dan ikun xieraq u mistenni li r-rikorrenti tagħmel prova sħiħa tal-fatti determinanti għat-talbiet tagħha;*

8. *Illi preliminarjament, bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, dawk segwenti, u dawk li jistgħu jiġu mqanqla fil-kors tal-proċeduri, is-soċjetà rikorrenti m'għandhiex il-leġittimità attiva u l-kapaċità proċesswali sabiex tressaq dawn il-proċeduri bil-mod kif effettivament għamlet;*

9. *Illi fil-mertu jiġi rilevat illi mhuwiex minnu li, hekk kif timplika s-soċjetà rikorrenti, l-aġir tal-esponenti fit-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kien xi attentat t'abbuż u manipulazzjoni da parti tagħha għas-sistema proċedurali applikata fil-Qrati Maltin, b'dan li ma kien hemm ebda talba kapriċċjuża jew malizzjuża jew in mala fede da parti tagħha u għalhekk żgur li ma hemm l-ebda lok għal danni kif pretiż. Fil-fatt jingħad bir-rispett li ma kien hemm xejn abbużiv jew vessatorju fil-ħruġ tal-mandat, iżda li dan kien eżerċizzju leġittimu ta' dritt kawtelatorju hekk kif del resto hija l-prassi meta jinbdew proċeduri ta' separazzjoni personali, aktar u aktar meta l-konjuġi jkunu negozjanti b'dan li l-biża' li jistgħu jiġu preġudikati l-interessi ta' wieħed jew waħda mill-konjuġi ssir waħda aktar ġustifikata;*

10. *Illi ulterjorment jiġi rilevat li huwa evidenti li s-soċjetà rikorrenti qiegħda tittenta, permezz tar-rikors tar-revoka tal-mandat inkwistjoni, tidħol fi kwistjoni ta' mertu li tmur lil hinn mill-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti. Fil-fatt, l-esponenti tirrileva illi r-rikorrenti qiegħda tipprova titfa' dawl ikrah fuqha billi tagħmel allegazzjonijiet u konsiderazzjonijiet foloz u inveritieri. Illi jiġi rilevat illi għalkemm is-soċjetà rikorrenti tipprova timplika li meta ġie intavolat il-mandat t'inibizzjoni, Mario Debono kellu tnejn u disgħin fil-mija (92%) fis-soċjetà rikorrenti, dan mhux minnu u jekk dak allegat minnu huwa veritier, għandu jirriżulta li huwa biss riċentement li Mario Debono akkwista tali sehem;*

11. *Illi jiġi rilevat li l-fatti relattivi għan-negozju ġestit mill-esponenti u d-defunt żewġha, kif ukoll dawk relattivi għall-operat u amministrazzjoni tas-soċjetà rikorrenti taw lok għal numru ta' proċeduri ġudizzjarji b'dan li kien ukoll fid-dawl ta' dan li l-esponenti ħasset il-ħtieġa ġustifikata li tintavola l-mandat t'inibizzjoni;*

12. *Illi fi kwalunkwe każ huwa bir-rispett sottomess li mhux kompitu ta' din il-Qorti illi tisma' sottomissjonijiet fuq hekk. Illi għalhekk l-esponenti se tillimita ruħha billi tiċħad dak allegat mir-rikorrenti fir-rikors tar-revoka. Illi fil-fatt, il-kompitu ta' din il-Qorti għandu jkun biss sabiex teżamina jekk effettivament il-mandat inkwistjoni huwiex ġustifikat o meno u din il-Qorti m'għandhiex tidħol f'kwistjonijiet ta' mertu ħlief sabiex tieħu stampa ħolistika tal-fatti u l-isfond li fih kien intalab il-ħruġ tal-mandat inkwistjoni;*

13. *Illi b'dan magħdud l-esponenti sejra tindrizza t-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-penali u d-danni reklamati minnha a tenur tal-Artikoli 836(8)(d) u 836(9) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

14. *Illi L-Artikolu 836(8) jipprovdi li*

> *'il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:*
>
> *-omissis-*
>
> *(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizja, tkun frivola jew vessatorja.'*

15. *Illi għaldaqstant għandu jirriżulta li hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tgħabbi lil min ikun ħareġ mandat kawtelatorju kontra persuna, il-ħlas ta' penali. Illi jiġi sottolinejat li tali talba tista' biss issir fuq talba ta' dak li jkun inħareġ il-mandat t'inibizzjoni kontrih;*

16. *Illi fi kwalunkwe każ għandu jingħad li minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, sabiex dan iseħħ irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta;*

17. *Illi fil-każ Paul Attard noe. vs. Loreto Abela, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), ingħad hekk:*

*'Illi għar-rigward tal-azzjoni attrici immirata għall-kundanna tal-imħarrek għad-danni minħabba u b'konsegwenza ta' ħruġ ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqiegħed fil-qafas ta' żewg prinċipji ewlenin; l-ewwel wieħed huwa dak li min jirrikorri għall-jedd li għandu ma jitqiesx li hu responsabbli għall-ħsara mġarrba minn ħaddiehor minħabba l-użu xieraq ta' dak il-jedd ("qui suo jure utitur neminem laedere videtur"); it-tieni wieħed huwa dak li l-jedd li wieħed ifittex ir-rimedji tiegħu billi jirrikorri għall-awtorità ġudizzjarja, minflok jieħu l-liġi b'idejh, m'għandux jiġi mxekkel bla bżonn;*

*Illi ġeneralment l-abbuż mill-proċedura ġudizzjarja jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq ta' persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nnifisha. Fejn ikun hemm element ta' aġir fieragħ fi proċedura ġudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju. F'dan ir-rigward ingħad li għalkemm, ir-raġunijiet li għalihom min ikun talab u kiseb il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab ħati għad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taħt ir-regoli ġenerali tar-responsabbiltà irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.'*

18. *Illi f'dan il-kuntest, in linea ta' prinċipju huwa ritenut li dak li tikkundanna l-liġi huwa l-abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja, u dan in linea mas-sentenzi fl-ismijiet Spiteri vs. Camilleri, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-għaxra (10) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992) u John Zarb vs. Port Cottonera Limited, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002);*

19. *Illi jekk wieħed japplika dawn il-prinċipji għall-każ in eżami għandu jirriżulta li r-rikorrenti ma tista' qatt tattribbwixi jew tipprova xi forma ta' malizzja jew vessatorjetà da parte tal-esponenti fil-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni u dan stante li l-esponenti kellha kull jedd li tikkawtela d-drittijiet u l-jeddijiet tagħha fil-grad mogħti lilha mil-Liġi stess. Dan tant hu minnu li tabilħaqq il-mandat t'inibizzjoni bħal kull mandat, ma jinħariġx ipso iure fuq mera talba, iżda jiġi awtorizzat mill-Qorti kompetenti wara li tqies jekk it-talba hux ġustifikata;*

20. *Illi fil-każ tal-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri, fil-fatt, il-Qorti kienet qieset li l-esponenti verament kellha jedd x'tikkawtela b'dan li fin-nuqqas hija setgħet tiġi irrimedjabbilment preġudikata. Kieku ma kienx hekk kieku l-mandat ma kienx jiġi*

*akkordat. Minn dan isegwi li l-allegazzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti huma fihom nfushom fiergħa. Fil-fatt filwaqt li ma kien hemm l-ebda mala fede jew malizzja da parte tal-esponenti, jirriżulta anki paċifiku li l-mandat kien sostnut b'kawża għas-separazzjoni personali, kif issemmi r-rikorrenti stess fir-rikors odjern;*

21. *Illi lil hinn minn dan jiġi wkoll sottomess li ma huwiex minnu li s-soċjetà rikorrenti ma kinitx taf bil-ħruġ tal-mandat t'inibzzjoni fiż-żmien meta huwa ġie intavolat, u dan peress li l-azzjonist Mario Debono kien saħansitra kiteb lill-esponenti f'dan ir-rigward u dan permezz ta' ittra legali mibgħuta nhar it-tmienja (8) t'April tas-sena elfejn u ħamsa (2005). Għaldaqstant kwalsiasi konsegwenzjali li tippretendi s-soċjetà rikorrenti bħala l-effett dirett ta' xi allegat nuqqas ta' notifika tal-mandat għandu jirriżulta ampjament fieragħ;*

22. *Illi huwa proprju għalhekk li hemm il-karenza ta' malizzja u vessatorjetà rikjesti da parte tal-esponenti sabiex isib l-applikazzjoni tiegħu s-subinċiż 836(8)(d). Fil-fatt huwa manifest li ma jeżistu ebda waħda miċ-ċirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 836(8) li jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta' penali;*

23. *Illi fir-rigward tat-talba għal danni taħt l-Artikolu 836(9) tal-Kap. 12 jiġi rilevat li dan jirreferi għar-rimedju għad-danni li għandu jiġi dedott b'rikors ġuramentat u mhux fil-kuntest ta' sempliċi talba għar-revoka ta' mandat fit-termini tal-Artikou 836;*

24. *Illi fil-fatt, fis-sentenza Casino-For-Me Limited vs. Chartwell Games (Malta) Limited, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, nhar is-sebgħa u għoxrin (27) t'Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008), ingħad li:*

> *'Illi jifdal li l-Qorti tistħarreġ it-talba tar-rikorrenti eżekutata għall-kundanna tal-intimata għall-ħlas tad-danni. Il-Qorti ma jidhrilhiex li talba bħal din għandha tintlaqa' bil-mod kif saret. Hija l-fehma sħiħa tagħha li talba bħal din tista' ssir biss b'azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta' Rikors Maħluf) u mhux fil-qafas ta' rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawżi, l-artikolu 836(9) kien jirreferi għal "ċitazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi l-artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-artikolu 156 tal-Kodiċi, li m'għandu x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutata f'dan il-każ;*
>
> *Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba għall-kundanna tad-danni taħt l-artikolu 836(9) hija irritwali għall-finijiet tal- artikolu 164(1) tal-Kodiċi;'*

25. *Illi barra minn din il-kunsiderazzjoni ta' dritt, li ftit tħalli akar lok għad-diskussjoni, xorta waħda l-esponenti ġġib a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li hija ġiet biss uffiċjalment interpellata sabiex tneħħi l-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri permezz ta' ittra uffiċjali numru 1180/17 ippreżentata kontestwalment mar-rikors għar-revoka in eżami, u għalhekk lanqas ma jirriżulta li hija kienet debitament mpoġġija f'mora b'dan li naqset milli tadempixxi dak mitlub minnha b'mod li għalhekk għandha tinżamm responsabbli għad-danni;*

26. *Illi fil-fatt l-esponenti m'għandha u lanqas qatt ma kellha xi xewqa li tirreka xi forma ta' preġudizzju lis-soċjetà rikorrenti iżda kellha dejjem biss l-intenzjoni li tikkawtela l-interessi tagħha fil-qies tal-jedd mogħti lilha mil-Liġi, b'dan li ż-żamma tal-mandat in vigore mhux xi ħaġa li hija għamlet konxjament sabiex tirreka xi forma ta' ħsara lis-soċjetà rikorrenti. Fil-fatt kien biss issa, wara tnax il-sena, li r-rikorrenti għoġobha tinterpella uffiċjalment lill-esponenti għar-revoka tal-mandat;*

27. *Illi għal dawn ir-raġunijiet għandu għalhekk jirriżulta li t-talba magħmula mis-soċjetà rikorrenti fir-rigward tad-danni għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha;*

*Għal dawn il-motivi l-esponenti umilment tilqa' għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti billi filwaqt li tirrimetti ruħha għar-rigward tar-revoka tal-mandat t'inibizzjoni numru 254/2005 maħruġ fl-ismijiet premessi fil-11 ta' Frar, 2005, titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tiċħad it-talbiet għal kundanna ta' ħlas ta' penali u għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni kif dedotti fit-tieni, it-tielet u r-raba' talba, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti.*

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti mis-soċjetà rikorrenti.

Waqt l-udjenza tad-19 ta' Mejju, 2017 semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet li ġiet reġistrata bil-mezz elettroniku, u ħalliet ir-Rikors għal-lum għal provvediment.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Is-soċjetà rikorrenti rappreżentata minn Mario Debono, qiegħda titlob ir-revoka ta' mandat ta' inibizzjoni numru 254/2005 (minn issa 'l quddiem "il-Mandat") li kien ġie maħruġ a favur tal-intimata in kawtela tal-pretensjonijiet tagħha kif dedotti fi proċeduri għal separazzjoni personali kontra żewġha Joseph Saliba llum mejjet, fir-rigward ta' proprjetà immobbiljari tas-soċjetà rikorrenti, u ċjoè Karizia Drug Store, 69, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa. Dan għaliex is-soċjetà rikorrenti tikkontendi illi l-imsemmi Joseph Saliba qatt ma kellu l-maġġoranza tal-ishma fl-istess soċjetà rikorrenti u għalhekk il-Mandat ma setax jinħareġ fuq din il-proprjetà tagħha. Di più l-Mandat qatt ma ġie notifikat lilha. Apparti minn hekk il-Mandat m'għadx għandu utilità għax Joseph Saliba llum mejjet u tant u hekk fit-2 ta' Marzu, 2010 l-intimata Maria Saliba ċediet il-proċeduri ta' separazzjoni personali, ossija l-kawża li pendenti l-eżitu tagħha kien inħareġ il-Mandat biex jikkawtela l-pretensjonijiet tal-intimata kif hemm dedotti. Permezz tar-Rikors odjern is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob ukoll illi l-intimata tiġi kkundannata tħallas lis-soċjetà rikorrenti penali a tenur tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 u danni a tenur tal-artikolu 836(9) tal-istess Kap. 12.

L-intimata fir-risposta tagħha tissolleva *inter alia* (1) l-irritwalità tal-proċedura odjerna għax qed tintalab ir-revoka tal-Mandat 12-il sena wara li kien intavolat; (2) li s-soċjetà rikorrenti m'għandhiex leġittimità attiva; (3) jekk Mario Debono issa għandu 92% tal-ishma tas-soċjetà Karizia Company Limited, dan seħħ biss reċentement; (4) l-intimata kienet ġustifikata titlob il-ħruġ tal-Mandat meta dan inħareġ; (5) l-irritwalità tal-proċedura odjerna minħabba li qed tintalab kemm penali u kemm danni meta l-penali tinkludi

danni u viċi-versa; (6) illi talba għall-ħlas ta' penali tista' issir biss minn min kontra tiegħu nħareġ il-Mandat, (7) illi ma jeżistux ir-rekwiżiti rikjesti bl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 għall-ħlas ta' penali, (8) illi ma kien hemm ebda tentattiv abbużiv jew *mala fede* da parti l-intimata li tagħmilha responsabbli għal danni; (9) illi l-Mandat kien ġie maħruġ korrettement mill-Qorti; (10) mhux minnu li s-soċjetà rikorrenti ma kinitx taf bil-ħruġ tal-mandat; (11) illi talba għal ħlas ta' danni trid issir permezz ta' rikors maħluf *ad hoc* u mhux permezz ta' talba għar-revoka tal-Mandat; (12) illi l-ewwel darba l-intimata ġiet interpellata biex tneħħi l-Mandat kien biss permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment mar-rikors revoka odjern; (13) u għalhekk m'hemmx lok għal penali u danni.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Illi bħala prova li Joseph Saliba qatt ma kellu l-maġġoranza tal-ishma fis-soċjetà rikorrenti u li attwalment Mario Debono għandu l-maġġoranza tal-ishma (92%) f'din is-soċjetà, is-soċjetà rikorrenti ppreżentat dokumentazzjoni[1] li minnha jirriżulta li fl-1986 meta ġiet ikkostitwita din is-soċjetà, 250 tal-ishma fis-soċjetà Karizia Company Limited kienu jappartjenu lis-soċjetà J. & R. Company Limited (C 7999), filwaqt li l-250 sehem rimanenti kienu jappartjenu lis-soċjetà J. & M. Company Limited (C 8000). Fid-19 ta' Novembru, 2004 John Caruana in rappreżentanza tas-soċjetà J. & M. Company Limited kien ittrasferixxa lil Mario Debono 2,500 sehem fis-soċjetà

[1] *A fol.* 10 sa 40 tal-proċess.

rikorrenti filwaqt li ttrasferixxa wkoll 2,500 sehem fis-soċjetà rikorrenti lil Joseph Saliba. Fl-2006 meta ġie awmentat il-kapital azzjonarju tas-soċjetà rikorrenti, Mario Debono kellu 27,500 sehem fis-soċjetà rikorrenti filwaqt li Joseph Saliba kellu 2,500 sehem.

Illi effettivament mill-atti ma jirriżultax li meta nħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni fil-11 ta' Frar, 2005, Joseph Saliba kellu l-maġġoranza tal-ishma fis-soċjetà Karizia Company Limited, iżda kellu biss 50 fil-mija tal-ishma. Mill-atti rriżulta wkoll li Joseph Saliba miet fil-25 ta' Settembru, 2007. Jirriżulta wkoll illi Mario Debono llum għandu kważi 92 fil-mija tal-ishma fis-soċjetà rikorrenti.

Mit-trattazzjoni tar-Rikors jirriżulta li l-proprjetà kolpita bil-Mandat u ċjoè Karizia Drug Store fi Triq Ġorg Borġ Olivier ġjà Triq il-Kbira, Mellieħa, mingħajr l-arja tagħha, hija proprjetà tas-soċjetà rikorrenti. Waqt it-trattazzjoni tar-Rikors, l-avukat difensur tas-soċjetà rikorrenti spjega u ammetta li l-Mandat eventwalment kien ntesa kemm mis-soċjetà rikorrenti u minn Joseph Saliba meta kien għadu ħaj, kif ukoll mill-intimata, wara li ġie nieqes Joseph Saliba u wara li ġiet ċeduta wkoll il-kawża ta' separazzjoni, u dan mhuwiex ikkontestat mill-intimata. Mit-trattazzjoni tar-Rikors jirriżulta wkoll illi s-soċjetà rikorrenti Karizia Company Limited kienet debitriċi versu John Caruana fuq imsemmi u kienet ikkostitwiet il-proprjetà mertu ta' dan ir-rikors bħala garanzija għal dan id-debitu. Jirriżulta li f'Awwissu 2015, John Caruana reġa' qajjem il-kwistjoni ta' dan id-dejn dovut lilu li ma kienx tħallas, tant li dan ta bidu għal proċeduri biex il-proprjetà inkwistjoni tinbiegħ bis-subbasta. Biex din il-proprjetà ma tinbiegħx in subbasta għall-prezz ferm

inqas mill-prezz reali tagħha fis-suq, Mario Debono ittenta jbigħ din il-proprjetà fis-suq u mir-rikavat kien beħsiebu jħallas id-dejn dovut lil John Caruana u jerġa' jġib is-soċjetà rikorrenti fuq saqajha. Iżda mir-riċerki li saru, irriżulta li l-Mandat fuq il-proprjetà inkwistjoni baqa' *in vigore*, minkejja li l-kawża fil-mertu li abbażi tagħha kien qed jinżamm fis-seħħ il-Mandat, eventwalment ġiet ċeduta. Waqt it-trattazzjoni s-soċjetà rikorrenti sostniet li f'din is-sitwazzjoni kellha żewġ għażliet quddiemha, illi jew titlob illi jsir kontromandat bi qbil mal-intimata, inkella li ssir talba lill-Qorti għar-revoka tal-Mandat. Peress li ma ntlaħaqx ftehim mal-intimata biex jinħareġ il-kontromandat, is-soċjetà rikorrenti kellha tagħti bidu għal dawn il-proċeduri għar-revoka tal-Mandat.

Waqt it-trattazzjoni tar-Rikors irriżulta wkoll illi l-unika interpellazzjoni uffiċjali li l-intimata rċeviet mingħand is-soċjetà rikorrenti biex tirrilaxxja l-kontromandat kienet ittra uffiċjali numru 1180/17 li ġiet ippreżentata kontestwalment mar-rikors odjern.  Għad li dan mhuwiex ikkontestat mis-soċjetà rikorrenti, hija ssostni li l-intimata kienet ben konxja tal-fatt li l-proprjetà inkwistjoni kienet għadha kolpita bil-Mandat meta John Caruana beda proċeduri biex jirkupra d-dejn dovut lilu.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Ir-rikors odjern huwa imsejjes fuq l-artikolu 876(1)(b) tal-Kap. 12 li jgħid:

"**876.** (1) Meta parti fiż-żwieġ tkun għamlet jew tkun se tagħmel quddiem il-Qorti Ċivili kawża għal separazzjoni personali, il-parti tista' titlob lil dik il-qorti li toħroġ mandat ta' inibizzjoni:

*(a) ... omissis...*

(*b*) kontra xi soċjetà li fiha l-parti l-oħra jkollha **maġġoranza tal-ishma li jkunu tal-komunjoni tal-akkwisti**[2] milli tbiegħ, tneħħi, titrasferixxi jew xort'oħra tiddisponi sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, xi proprjetà immobbli jew jeddijiet marbutin magħha li tkun proprjetà ta' dik is-soċjetà kummerċjali;..."

L-ewwel talba tas-soċjetà rikorrenti kif dedotta fir-Rikors hija bbażata fuq l-artikoli 836(1)(a), (b) u (f) tal-Kap. 12 li jispeċifikaw:

"836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(*a*) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;

(*b*) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;

*...omissis..*

(*f*) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."

[2] Enfasi tal-Qorti.

Tqis illi mill-provi jirriżulta li meta effettivament inħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 254/2005 fil-11 ta' Frar, 2005, kontra fost oħrajn is-soċjetà rikorrenti Karizia Company Limited[3], il-Mandat ma seta' qatt jinħareġ 'l għaliex Joseph Saliba ma kellux il-maġġoranza tal-ishma fis-soċjetà rikorrenti. F'dan ir-rigward l-intimata ssostni li s-soċjetà rikorrenti m'għandhiex leġittimità attiva u dan stante li l-Mandat kien fil-fatt inħareġ kontra Joseph Saliba. Tqis illi fir-realtà l-parti bl-akbar interess u l-aktar milquta bil-Mandat hija ċertament is-soċjetà rikorrenti, apparti li l-liġi stess bl-artikolu 876(5) tiffakultizza li:

> "(5) Il-parti taż-żwieġ li kontra tagħha jinħareġ il-mandat **kif ukoll kull soċjetà msemmija fil-mandat u kull persuna li turi interess**[4] jistgħu f'kull żmien b'rikors jitolbu lill-qorti biex tirrevoka jew tibdel il-mandat taħt dan l-artikolu."

Mhux biss s-soċjetà rikorrenti tingħata dan id-dritt mil-liġi għal raġunijiet ovvji, iżda r-Rikors odjern seta' sar ukoll minn kull persuna li turi li għandha interess, bħal Mario Debono. Din id-dispożizzjoni tal-liġi tolqot ukoll eċċezzjoni oħra tal-intimata, ċjoè dik dwar l-irritwalità tal-proċeduri odjerna għax it-talba għar-revoka tal-Mandat qiegħda ssir tnax-il sena wara li kien intavolat il-Mandat. Apparti li ma ġiex spjegat mill-intimata minn fejn toriġina tali irritwalità għax persuna tkun baqgħet kolpita b'mandat ta' inibizzjoni għal tnax-il sena u ma tkun għamlet xejn dwar dan, ma jingħadx lanqas kif dan it-trapass ta' żmien jista' jippreġudika d-dritt tal-persuna li turi interess li titlob ir-revoka tal-Mandat. Għal kuntrarju l-artikolu 876(5) tal-Kap.12 jgħid illi "kull

---

[3] Mill-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 254/2005 li ġew allegati mal-atti ta' dan ir-Rikors, jirriżulta li l-Mandat kien inħareġ kontra għadd ta' soċjetajiet li kienu bi sħab fihom Mario Debono u Joseph Saliba: The Village Pharmacy Limited, Karizia Company Limited, Europreneur Services Limited, Saldeb Holdings Limited, Surgiquip Limited u Alliance Unichem (Malta) Limited.

[4] Enfasi tal-Qorti.

soċjetà msemmija fil-mandat u kull persuna li turi interess jistgħu **f'kull żmien**[5] b'rikors jitolbu lill-qorti biex tirrevoka" tali mandat.

Tqis illi għandha tiġi miċħuda wkoll l-eċċezzjoni tal-intimata li Mario Debono jekk għandu 92% tas-soċjetà, dan kien biss reċentement. Dan għaliex mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà rikorrenti mhijiex qiegħda ssostni li meta nħareġ il-Mandat Mario Debono kellu 92% mill-ishma, imma li llum Mario Debono għandu 92% mill-ishma u meta nħareġ il-Mandat Joseph Saliba ma kellux il-maġġoranza tal-ishma, kif fil-fatt jirriżulta mill-provi.

Inoltre skont l-artikolu 838B tal-Kap. 12 mandat kawtelatorju bħall-mandat ta' inibizzjoni odjern, jibqa' fis-seħħ sa 15-il ġurnata wara li l-kawża fil-mertu kkawtelata bil-mandat tkun għaddiet f'ġudikat. Mandat kawtelatorju ma jibqax fis-seħħ jekk ma jiġix segwit bil-kawża fil-mertu entro t-terminu mogħti mil-liġi, jew jekk il-kawża li tkun segwiet il-Mandat tintilef jew tiġi ċeduta bħalma ġara f'dan il-każ. Għalkemm ma tresqitx prova mis-soċjetà rikorrenti li l-intimata ċediet il-kawża fil-mertu, jirriżulta illi waqt it-trattazzjoni ma ġiex ikkontestat li effettivament l-intimata ċediet il-kawża ta' separazzjoni personali fit-2 ta' Marzu, 2010 u ma kkontestatx lanqas li żewġha kien miet fil-25 ta' Settembru, 2007.

Tqis għalhekk abbażi tal-artikolu 836(1)(*a*),(b) u (f) tal-Kap. 12 li l-Mandat m'għadux aktar fis-seħħ u li fiċ-ċirkostanzi mhux raġonevoli li l-Mandat jinżamm fis-seħħ u li mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli, apparti li

[5] Enfasi tal-Qorti.

waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat u ċjoè l-kawża li kienet segwiet il-Mandat, ma għadhiex fil-fatt teżisti għax ġiet ċeduta.

Fit-tieni lok il-Qorti trid tistabbilixxi jekk fiċ-ċirkostanzi huwiex il-każ li tiġi imposta penali abbażi tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 u/jew li ssir il-likwidazzjoni u ħlas ta' danni skont l-artikolu 836(9) tal-Kap. 12.

Il-parti rilevanti tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tgħid:

> "Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:
>
> *Omissis.*
>
> (d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja."

L-artikolu 861 tal-Kap. 12 jipprovdi:

> "Jekk jinsab li l-mandat ġie miksub mir-rikorrent fuq talba magħmula b'qerq, il-penali skont l-artikolu 836(8) ma għandhiex tkun ta' inqas minn ħdax-il elf u sitt mitt euro."

L-artikolu 836(9) tal-Kap. 12 jipprovdi għal ħlas ta' danni:

> "Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta' qabel dan, il-qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f'kawżi bħal dawk il-qorti għandha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u

ta' kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni."

Tqis illi l-eċċezzjoni tal-intimata dwar in-nullità tar-rikors minħabba l-irritwalità tal-proċeduri peress li s-soċjetà intimata qiegħda titlob kemm penali u kemm danni meta l-penali tinkludi danni u viċi versa, ma jidhirx li hija sostnuta minn ebda dispożizzjoni fil-liġi. Il-liġi tagħmel distinzjoni bejn penali amministrattiva li titħallas lil persuna li kontriha jkun inħareġ il-mandat, liema penali hija soġġetta għal ċerti limiti imposti mil-liġi, u danni lil persuna li trid tipprova li realment tkun sofriet danni. Huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti, fuq talba tal-parti leża, li tiddeċiedi jekk timponix il-penali u/jew jekk tordnax ir-riżarċiment tad-danni. Però fil-liġi m'hemm xejn li jeskludi li l-Qorti tordna kemm il-ħlas tal-penali u kemm ir-riżarċiment tad-danni.

L-intimata eċċepiet ukoll illi talba għal ħlas tal-penali tista' issir biss minn min inħareġ kontra tiegħu il-mandat. Tqis illi fil-każ tal-Mandat odjern li nħareġ *ai termini* l-artikolu 876 tal-Kap. 12, filwaqt li dan tabilħaqq kien inħareġ kontra l-parti l-oħra fiż-żwieġ, il-Mandat effettivament ġie esegwit kontra soċjetà li fiha kienu involuti wkoll terzi persuni bħala azzjonisti tagħha u li fiha l-persuna li kontra tiegħu nħareġ il-Mandat qatt ma kellu l-maġġoranza tal-ishma tagħha, apparti l-fatt li 92% ta' dawn l-ishma llum jappartjenu lil Mario Debono.

Tqis illi bħalma s-soċjetà rikorrenti tista' ai termini tal-artikolu 876(5) tal-Kap. 12 titlob għar-revoka jew għat-tibdil tal-Mandat, din il-Qorti ma tarax għalfejn is-soċjetà rikorrenti m'għandhiex ikollha wkoll il-jedd li titlob għall-ħlas tad-

danni u/jew penali meta jkunu jissussistu wkoll ir-rekwiżiti l-oħrajn elenkati fl-artikolu 836(8)(a) sa (d) tal-Kap. 12.

Illi għar-rigward tal-impożizzjoni tal-penali ai termini tal-artikoli 836(8) tal-Kap. 12, fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jingħad:

> "... din l-Qorti tagħraf illi din hija sanzjoni fakoltattiva, imħollija fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera għas-sodisfazzjoni tagħha, li seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi għall-impożizzjoni tal-istess sanzjoni, u ċioè is-subinċiżi (a) sa (d), tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12.
>
> Il-Qorti hija tenuta li timponi dawn il-penali fejn jirriżultaw l-estremi tal-liġi fuq indikati. Dan huwa artikolu ta' ordni pubblika bl-iskop li jiġi assikurat is-serjetà tal-proċess ġudizzjarju u sabiex l-istitut ta' mandati kawtelatorji ma jiġix użat abbusivament – *vide* sentenżi fl-ismijiet **Carmel Farrugia u martu Lucija Farrugia *vs.* Charmaine Farrugia f'isimha proprju u f'isem binha minuri Francesco** deċiża fit-2 t'Awwissu, 2012 *per* Onor. Imħallef Dr. J.R. Micallef, **Cole Foods Limited *vs.* Euro Imports Limited** deċiża fit-13 ta' Marzu, 2003, per Onor Imħallef Dr. T. Mallia u **Joseph Rapa *vs.* Raymond Sammut** Appell Ċivili deċiża fit-13 ta' Marzu, 2001.
>
> Infatti skont l-insenjament tal-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tabone *vs.* Capece Construction Limited (C-52626)**, fl-14 ta' Awwissu, 2013 u b'referenza għall-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 dik il-Qorti rriteniet:
>
> > "Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva ll-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw, l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura

> serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż."

Illi fil-każ odjern il-Qorti ma jidhirlix li l-bastiment Dadayli ipprova sodisfaċentement skont il-liġi li t-talba għall-arrest tal-bastiment saret "b'malizzja, jew kienet frivola jew vessatorja." Din il-Qorti temmen illi t-talba saret bi premessi żbaljati iżda mhux intenzjonalment malizzjużi jew vessatorji u għaldaqstant, ma jikkonduċux lil din il-Qorti tinfliġġi din it-tip ta' sanzjoni."[6]

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Avv. Ann Fenech *noe vs.* Il-Bastiment MY Whispering Angel**[7] ingħad:

> "Illi fil-każ odjern il-Qorti, wara li eżaminat l-erba' ċirkostanzi indikati f'Artikolu 836(8)(a) sa (d) tal-Kapitolu 12, tagħraf li s-soċjetà GMW55 esekutat ma ippruvatx, u li din il-Qorti ma jirriżultalhiex, iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali jew għal garanzija xierqa minħabba l-ħruġ tal-mandat. Irid jingħad ukoll illi l-*buona fede* hija preżunta u l-ħażen irid jiġi ppruvat – vide **Miller Blacker *pro. et noe. vs.* Howard** - Kollezz. Vol. XXIV. i. 554."

Tqis illi fil-każ odjern ma ġiex ippruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-Mandat *de quo* inħareġ b'mod illegali, b'mod frivolu u vessatorju u wisq inqas li nħareġ b'xi malizja, *mala fede* jew b'mod qarrieqi u għalhekk mhuwiex il-każ li tiġi imposta penali jew li jiġu aġġudikati xi danni.

Kif sewwa spjega l-avukat difensur tal-intimata, kif jiġri ħafna drabi, meta jinbdew il-proċeduri ta' separazzjoni, il-mara tkun trid tipproteġi dak li hu tagħha u jekk ma tkunx attiva fin-negozju ta' żewġha, ħaġa naturali li ddur fuq dawk l-kumpanniji li safejn taf hi kienu ta' żewġha. Oltre dan l-avukat difensur tas-soċjetà rikorrenti ammetta li kulħadd donnu nesa dan il-mandat u allura

[6] Fid-deċiżjoni datata 12 ta' Frar 2015, P.A., fl-atti tal-kawża numru 1137/13JPG fl-ismijiet **Cassar Fuel Ltd *vs.* Il-Bastiment bl-isem MV K Dadayli** wara l-ħruġ tal-mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-baħar 'il fuq minn għaxar metri (kawtelatorju) numru 1796/2013 JM.

[7] P.A., 05. 06. 2015, fl-atti tal-Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar numru 690/15.

ma kien qed jaffetwa lil ħadd negattivament, sakemm f'Awwissu tal-2015 qamet il-kwistjoni ta' John Caruana u d-dejn dovut lilu. L-avukat difensur tas-soċjetà rikorrenti jammetti li uffiċjalment interpella lill-intimata biss permezz ta' ittra uffiċjali ippreżentata kontestwalment mar-rikors odjern. L-avukat difensur tas-soċjetà rikorrenti jinsinwa però illi l-intimata kellha tkun taf bis-sitwazzjoni wara Awwissu tat-2015 u *del resto* dwar dan kien anki bagħat *e-mail* lill-avukat difensur tal-kontroparti. Dan kollu però ngħad fit-trattazzjoni u ma kien hemm ebda ammissjoni rigwardanti din l-allegata konsapevolezza da parti tal-intimata u ma tressqu ebda provi dwar dan mis-soċjetà rikorrenti. Evidentement il-Qorti ma tistax torbot il-kunsiderazzjonijiet u d-deliberazzjonijiet tagħha ma' sempliċi insinwazzjonijiet u kif ingħad fis-sentenza **Dr. H. Lenicher *vs.* J. Camilleri:**[8]

> "F'kawżi ċivili l-attur li jallega li xi ħaġa ġratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jġibx din il-prova l-azzjoni tiegħu ma jistax ikollha eżitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax - għaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li l-inċident ikun ġara tort tal-attur. Dan mhux għaliex it-tort għall-inċident ikun tal-attur imma sempliċement għaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bħala bażi tal-azzjoni tiegħu".

Il-Qorti f'dan ir-rigward qiegħda għalhekk tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimata fejn eċċepiet illi kienet ġustifikata titlob il-ħruġ tal-Mandat dak iż-żmien li kien inħareġ; illi ma hemmx ir-rekwiżiti rikjesti skond l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 għall-ħlas ta' penali; illi ma kien hemm ebda tentattiv abbużiv jew *mala fede* da parti tagħha li tagħmilha responsabbli għal danni; illi l-Mandat kien ġie maħruġ korrettement mill-Qorti u illi l-intimata ġiet interpellata biss b'ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment ma' dan ir-rikors għar-revoka tal-

[8] P.A., 31.05.1972.

Mandat. L-intimata però ma rnexxilhiex tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li mhuwiex minnu li s-soċjetà rikorrenti ma kinitx taf bil-ħruġ tal-Mandat. Imma irrispettivament minn dan, ma jidhirx li jeżistu r-rekwiżiti biex din il-Qorti timponi penali fuq l-intimata anki limitatament għall-perjodu wara Awwissu 2015 u fuq kollox il-Mandat għandu jitqies illi ma baqax jeżisti aktar wara li l-kawża ta' separazzjoni li kienet qiegħda tiġi kkawtelata bil-Mandat ġiet ċeduta mill-intimata odjerna.

Dwar it-talba għal ħlas ta' danni, din il-Qorti bħall-intimata tagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Casino-For-Me Limited *vs.* Chartwell Games (Malta) Limited**[9] fejn ingħad:

> "Illi jifdal li l-Qorti tistħarreġ it-talba tar-rikorrenti eżekutata għall-kundanna tal-intimata għall-ħlas tad-danni. Il-Qorti ma jidhrilhiex li talba bħal din għandha tintlaqa' bil-mod kif saret. Hija l-fehma sħiħa tagħha li talba bħal din tista' ssir biss b'azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta' Rikors Maħluf) u mhux fil-qafas ta' rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawżi, l-artikolu 836(9) kien jirreferi għal "ċitazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi l-artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-artikolu 156 tal-Kodiċi, li m'għandu x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutata f'dan il-każ;
>
> Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba għall-kundanna tad-danni taħt l-artikolu 836(9) hija irritwali għall-finijiet tal-artikolu 164(1) tal-Kodiċi;..."

[9] 27.08.2008 *per* Imħallef Joseph R. Micallef.

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din l-interpretazzjoni tal-artikolu 836(9) tal-Kap. 12 u qed għalhekk qiegħda tiċħad it-tielet u r-raba' talba tas-soċjetà rikorrenti.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi r-Rikors billi:**

**(1) Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà Karizia Company Limited u tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni numru 254/2005;**

**(2) Tiċħad it-talbiet l-oħrajn tas-soċjetà rikorrenti Karizia Company Limited.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

Moqrija.